MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

[Nhar il-Tlieta 27 ta' Novembru 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

68.1.1 Bħala rispett lejn il-mibki kunsillier, is-sur Joe Galea, il-Kunsill qal talba għalih u l-membri kollha rringrazzjawh għax-xogħol tiegħu matul dawn is-snin fejn kien preżenti f'isem ir-residenti għal bosta snin.

68.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsilliera Graziella Schembri avzat illi mhix se tkun tista tkun preżenti peress illi kienet bis-sick u bagħtet ritratt tan-nota tat-tabib via WhatsApp.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

68.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta update rigward ix-xogħolijiet ta' Gżira road [ref punt 67.2.1]. Qal illi letejna l-bankina u l-perit iċċertifika x-xogħol. Żied illi hemm differenza bejn il-prezz tal-kuntrattur u l-prezz tal-perit u fil-Payment Approval Sheet għandna nsibu l-prezz tal-Perit. Żied illi l-perit u l-kuntrattur se jieħdu l-measurements flimkien, u jekk hemm differenza fil-prezz li tiġi ċċertifikata minn naħa tal-Perit, se nħallsu d-differenza. Qal illi se ssir hekk biex ma nzommux il-pagament tal-kuntrattur la x-xogħol sar sew. Il-Kunsill qabel.

68.2.2 B'referenza għal punt nrt 67.3.1, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bagħat l-applikazzjoni lil street naming committee izda fil-gwidi hemm miktub illi fejn hemm residenti huwa diffiċli biex tinbidel l-isem.

68.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Dr. Sammut għamel talba biex il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru [ref punt 67.3.6]. Il-kunsilliera qalu li l-aħjar li jiġi dakinhar li jkun hemm laqgħa tal-Kunsill.

68.2.4 B'referenza għal punt nru 67.5.8 il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi jaħseb illi se naqbzu l-ammont sew. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se naħdmu dejjem bl-iħas prezzijiet u li l-istima li ingħatat fl-aħħar laqgħa, kien hemm inkluz partitions, bibien, etc. Kif ġie spjegat mhux se jinkludi affarijiet bħal għamara u magħdum. Il-Viċi Sindku staqsa. Waqt diskussjoni ġie diskuss il-fatt illi se nirranġaw il-problemi eżiżtenti la m'aħniex konformi mall-kriterji tas-CRPD waqt illi fil-Press Conference illi kellna ftit ġimgħat qabel, intqal mis-Segretarju Parlamentari stess illi hemm bzonn xogħolijiet. Waqt illi rridu nifhmu hemm ċerti spejjez, hemm bzonn uffiċju izjed modern illi jilqa n-nies. L-ispejjez illi jsiru se jogħlu l-valur tal-propjeta waqt illi affarijiet bħal għamara se jkunu parti mill-FAR. Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi jippreferi kiku l-flus intefqu x'imkien ieħor izda la beda x-xogħol mhux se nieqfu issa.

68.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-preżent hemm izjed minn 10,000 resident fil-lokalita. B'hekk il-Kunsill għandu dritt idaħħal impjegat ġdid fl-uffiċju. Żied illi jekk nimpjegaw persuna għax-xogħolijiet illi semma fil-laqgħa preċedenti [ref punt 67.6.1] nitilfu l-opportunita li nimpjegaw persuna oħra fuq ġewwa fejn hemm bzonn. Qal illi se jara mall-Human Resources biex fil-laqgħa li jmiss inressqu t-talba uffiċjali bil-qbil tal-Kunsill.

68.2.6 B'referenza għal punt 67.6.2, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtet ittra lis-Sindku ta' Pozega ħalli nibdew naħsbu fuq il-ftehim ta' ġemellaġġ.

68.2.7 Il-Minuti ġew approvati u ffirmati.

## 68.3 Korrespondenza mas-Sindku

### Is-Sindku daħal għas-seduta fis-6.10pm

68.3.1 Triq il-Flotta: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna talba biex neqilbu l-parking ta' parti mit-triq biex persuna ma jkollux għalfejn jagħlaq it-triq kull darba peress illi għandu xogħol għaddej fuq tlett postijiet fejn xulxin. Qal illi ddiskuta l-proposta mall-persuna u spjega d-diffikultajiet u qal illi, la għandu l-approvazzjoni ta' TM għal Un/Loading Bay, juza l-Un/Loading u parking extra bħala parti mit-triq u hu jaħdem mit-triq stess biex b'hekk dejjem ikun hemm flow tat-traffiku.

68.3.2 Kumpens, Sliema Rd: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waqt illi rċevejna ftit talbiet għall-kumpens minħabba ħsarat illi saru fuq vetturi ġewwa Sliema Road wara x-xita qawwija li għamlet nhar is-Sibt 13 ta' Ottubru, waħda biss bagħtet id-dokumenti kollha meħtieġa. Is-Sindku ssuġerixxa li nħallsu la nafu li kien hemm il-ħsarat. Il-membri qablu barra l-kunsillier Wayne Hewitt.

68.3.3 Land Survey, Manoel de Vilhena: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-PA iridu survey tat-triq fejn se ssir il-proġett. Qal illi l-perit diġa jaf illi għandu jmexxi bl-irħas stima .

68.3.4 Korsijiet TCTC: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-korsijiet li se joffru t-TCTC. Qal illi peress illi m'għandniex sala tal-I.T, ir-residenti Gżirjani għandom imorru l-Imsida. Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li noffru z-zewġ korsijiet għall-beginners għalissa. Il-Viċi Sindku ssekondah u l-Kunsill qabel.

## 68.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

68.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 68.5 Rapporti

68.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxx ta'garanzija fuq il-bankina:

Triq Nazju Ellul c/w triq San Ġorġ: Il-kunsilliera qablu li tiġi rilaxxata l-garanzija.
Triq Madonna tal-Ġebla c/w triq San Albert: Il-kunsilliera qablu li tiġi rilaxxata l-garanzija
Triq San Albert: Il-kunsilliera ma qablux li tiġi rilaxxata l-garanzija

68.5.2 **Tender Accountant:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi 4 kumpanijiet kienu interessati fit-tender fejn l-irħas wieħed jidher compliant. Qal illi għad hemm il-perjodu għall-appell u deċiżjoni finali tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

68.5.3 **Performance Appraisal**: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba mid-DLG għall-Performance Appraisal tiegħu li għandu jimla s-Sindku u japprovawha l-kunsilliera.

## 68.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

68.6.1 Multi-Sensor Purpose Room: Is-Sindku qal illi kien hemm diversi nies illi esprimew ix-xewqa li jkun hemm Multi Sensor Purpose Rooms għat-tfal. Dawn il-kmamar isiru biex jgħinu n-nies fit-terapija, biex jirrilassaw jew biex jitgħallmu fil-paċi. Dawn għandom isiru biex ngħinu lill-istudenti u qal illi hemm kamra ta' madwar 36 mtrs. Sqr. fl-iskola li tista tintuza. Qal illi kulħadd jista jagħmel użu tall-kamra u mhux tfal tal-iskola primarja biss. Is-Segretaru Eżekuttiv qal illi ra x'hemm bzonn għal dawn il-kmamar u jkun hemm bzonn sejħa [CfQ] għall-affarijiet. Is-Sindku ppropona li nkunu fost l-ewwel biex nieħdu ħsieb li jkun hemm MSPR fil-lokalita. Il-Kunsill qabel.

68.6.2 Pjazza Gerry Zammit, proġett: Is-Sindku ppropona li ssir proġett fil-pjazza fejn ħareġ il-pjanti li ġew diskussi mall-perit. Il-kunsilliera qablu mall-proposta skond il-pjanti .

68.6.3 Il-Viċi Sindku Ralph Mangion qal illi hemm zebra crossing mingħajr dawl ġewwa Pjazza Meme Scicluna.

68.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se ssir bye-election biex insibu persuna għas-siġġu vakanti fil-Kunsill. Qal illi diġa bagħat lil Kummissarju tall-Uffiċju Elettorali biex jibdew il-proċedura.

68.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-librara għamlet talba biex nixtru kotba ġodda għal-librerija. Il-Kunsill qabel.

68.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm sejħa għall-applikazzjoni ta' fondi taħt Skema Sports, fejn għamilna talba biex nieħdu fondi għall-klassijiet illi jsiru għall-iżfin.

68.6.7 Is-Sindu qal illi għandna nieħdu ħsieb in-niċċa li se ssir fejn kien hemm The Cottage restaurant peress illi tneħħiet mill-post oriġinali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din se tinħadem b'tender. Il-Kunsil qabel. Kien hemm kunsilliera li qalu li ħasbu li l-istatwa li saret mar-roundabout se tieħu post n-niċċa. Is-Sindku qal illi le u li se jagħmel talba biex titneħħa l-monument li saret peress illi hemm ħafna kritika fuqha.

68.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi l-laqgħa tal-lokalita trid issir qabel l-aħħar tas-sena. Il-laqgħa se ssir flimkien mal-laqgħa li jmiss nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018. Il-kunsilliera qablu li wara niċċellebraw l-ikla tal-Milied.

## 68.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

68.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

## 68.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

68.8.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għat- 18 ta' Diċembru 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |